**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Saviour Baldacchino]**

**vs**

**Jayelle Abela**

**Kumpilazzjoni Numru: 565/2020**

**Illum, sittax (16) ta' Dicembru 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Jayelle Abela** detentrici tal-karta tal-identità 151603L akkuzata talli nhar is-6 ta' Ottubru 2020 ghall-habta tad-21:20hrs, gewwa l-Park tal-Familja, Marsascala:

1. Xjentement, ikkagunat dannu lil jew qerdet propjetà kulturali u cioè statwa xbiegha ta' Sant Antnin li tinsab bisswiet il-kappella ta' Sant' Antnin u dan bi ksur tal-Art 70 (1)(a) tal-Kap 445 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kissret, garrfet, sfigurat jew b'xi mod iehor ghamlet hsara lil monument, statwa jew oggetti ohra ta' arti li qeghdin ghall-vantagg pubbliku jew ghat-tisbih pubbliku u li jkunu gew imwaqqfin mill-awtorità pubblika u cioè fuq statwa xbiegha ta' Sant. Antnin li tinsab bisswiet il-kappella ta' Sant' Antnin u dan bi ksur tal-Art. 161 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè statwa xbiegha ta' Sant. Antnin li tinsab bisswiet il-kappella ta' Sant' Antnin u ghaldaqstant hija propjetà pubblika tal-parrocca ta' Marsascala, bi ksur tal-Art. 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali tal-imputata li hija wahda netta;

Rat l-ezami tal-imputata fejn hija wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru, 2020 fejn ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

**Ikkunsidrat**

Illi xehed **l-Ispettur Saviour Baldacchino** li xehed fuq ir-rapport li sarlu minn Fr Roderick Camilleri bhala kappillan tal-parrocca ta' Marsascala nhar it-tnax (12) t'Ottubru 2020 li kien sab l-istatwa ta' Sant' Antnin li kienet tinsab faccatta tal-kappella tal-istess qaddis, bla ras. Huwa jghid illi meta acceda fuq il-post seta' jara li fl-inhawi kien hemm diversi kameras tas-sigurtà u wara ezaminazzjoni ta' dawn il-filmati seta' jara li l-hsara allegata kienet saret xi ftit jiem qabel u cioè fis-6 ta' Ottubru 2020 ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija (21:00 hrs).

Jghid illi mill-filmati rrealizzaw illi l-hsara saret minn grupp ta' zghazagh fosthom minn tfajla li tidher b'mod car li qed taghti xi

daqqiet fuq l-istatwa fejn ras l-istess statwa tidher tirrombla mal-art biex imbagħad zewg zaghzagh imorru jigbruha minn mal-art. Mill-investigazzjoni hareg illi din it-tfajla kienet dahlet flimkien ma' guvni go karozza tal-ghamla Toyota Corsa kulur abjad bin-numru KBD 863. Is-sewwieq ta' din il-karozza kien certu Dylan Grech bil-karta tal-identità numru 120601L. Jghid illi Dylan Grech gie mitkellem minnu fejn dan ammetta li din it-tfajla li kienet mieghu dakinhar kienet l-imputata Jayelle Abela u dan billi identifikaha mill-profil taghha ta' facebook[1].

Jghid illi l-imputata ammettiet ghal kollox wara li nghatat id-disclosure tant illi kienet tathom l-identità ta' zewg givintur ohra barranin li kienu hadu l-bicciet tal-istatwa. Jghid illi dawn gew imressqa separatament.

Ix-xhud ipprezenta stills mill-filmat[2] li tali xoghol gie maghmul bhala police work.

Xehed ukoll **Fr Roderick Camilleri** bhala kappillan tal-parrocca ta' Wied il-Ghajn fejn dan meta nduna li l-istatwa ta' Sant' Antnin, li

[1] Dok. SB5 – folio 21 u 22.
[2] Dok. SB8 – folio 38-41.

kienet qieghda quddiem il-kappella tal-istess qaddis fil-Family Park, giet ivvandalizzata dan mar jaghmel rapport. Jikkonferma illi l-kameras tas-sigurtà li jaghtu fuq din l-istatwa huma tal-Kunsill Lokali ta' Marsascala. Jghid illi llum il-gurnata din l-istatwa giet mibdula mhux restawrata u fejn din giet tiswa' madwar mitejn ewro (€200) gdida. Ix-xhud gie ezentat milli jipproduci rcevuta fiskali.

Xehed **Dylan Grech** fejn ikkonferma li kien ta stqarrija lill-pulizija u fejn dakinhar tal-incident kien ma' Jayelle Abela u fejn wara serje ta' domandi fejn ix-xhud kien apparentement ma jiftakarx finalment ammetta li l-hsara saret minn Jayelle Abela.

L-espert tal-informatika **John Sacco** kkonferma illi l-filmat elevat mill-pulizija minn fuq il-post huwa wiehed genwin u ma kienx imbaghbas u ghal dan il-ghan esebixxa rapport li gie mmarkat bhala Dok. JSX.[3]

**Ikkunsidrat**

[3] Folio 55 – 73.

Illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru 2023 id-difiza talbet ghar-referenza kostituzzjonali ghal-lezjoni tad-drittijiet tal-imputata waqt l-interrogazzjoni liema talba giet michuda permezz ta' digriet ta' din il-Qorti datat hmistax (15) ta' Frar 2024.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata Jayelle Abela giet akkuzata f'dawn il-proceduri li kkommettiet hsara lill-istatwa ta' Sant' Antnin li kienet sitwata quddiem kappella fil-Family Park ta' Marsascala.

Illi minn dawn il-proceduri hareg illi l-imputata ammettiet din il-hsara permezz ta' stqarrija li nghatat fil-prezenza ta' ommha Mandy Abela u liema stqarrija saret wara li l-imputata giet murija d-diversi ritratti esebiti fl-atti.

Di più flimkien ma' din l-istqarrija hemm ix-xhieda ta' Dylan Abela li ghalkemm kienet inizzjalment bdiet bhala evaziva ghall-ahhar, dan ikkonferma r-ritratti esebiti u kkonferma wkoll illi t-tfajla li kienet mieghu kienet l-imputata. Illi ta' min jinnota illi ghalkemm

kien hemm persuni ohra nvoluti f'dan l-incident, hadd minnhom ma kien femminili hlief l-imputata.

Illi hareg car ukoll illi l-valur sabiex giet mibdula l-istatwa kien ta' mitejn ewro (€200).

**Ikkunsidrat**

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhal dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

> *"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak*

*li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi dan qed jinghad illi ghalkemm tali hsara giet ippruvata li saret mill-imputata Jayelle Abela però biss inkwantu ghat-tielet (3) akkuza. Inkwantu ghall-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi s-sitwazzjoni hija daqsxejn differenti.

Illi l-ewwel akkuza hija bbazata fuq l-Artikolu 70(1)(a) tal-Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta li tiddisponi s-segwenti:

> *(1) "Kull min:*
>
> *(a) xjentement, jew b'negligenza, nuqqas ta' hila jew ta' osservanza ta' regolamenti jikkaguna dannu lil jew jeqred proprjetà kulturali sew jekk tali proprjetà kulturali tkun sew jekk ma tkunx registrata f'xi inventarju skont dan l-Att, u kemm jekk is-sid ta' tali proprjetà ta' patrimonju kulturali jkun il-persuna li tkun ikkagunat il-hsara jew il-qerda, kemm dik il-persuna tkun qeghda tamministraha b'mod legittimu; . . .*
>
> *ghandu jkun hati ta' reat kontra dan l-Att u ghandu jehel, meta jinstab hati, multa ta' mhux inqas minn*

*elfejn euro (€2,000) u li ma taqbizx mitejn u hamsin elf euro (€250,000), jew prigunerija ghal terminu li ma jaqbizx sitt (6) snin, jew ghal dik il-multa u prigunerija: . . .”*

Illi l-Artikolu 2 tal-istess Att jikkwalifika x’inhu “propjetà kulturali” fejn dan jinghad li hu:

*“"proprjetà kulturali" tfisser proprjetà mobbli jew immobbli, irrespettivament ta’ min hi, li taghmel parti mill-patrimonju kulturali”.*

Imbaghad fl-istess Artikolu tinghata d-definizzjoni ta’ “patrimonju kulturali” fejn jinghad li *“tfisser oggetti mobbli jew immobbli ta’ importanza artistika, arkitettonika, storika, arkeologika, etnografika, paleontologika u geologika u tinkludi informazzjoni jew data relattivi ghall-patrimonju kulturali li jappartjeni lil Malta jew lil xi pajjiz iehor. Dan jinkludi wkoll siti jew depoziti arkeologici, paleontologici jew geologici, fdalijiet umani, pajsagg tal-art, tal-bahar u ta’ taht il-bahar, gruppi ta’ bini, kif ukoll kollezzjonijiet xjentifici, kollezzjonijiet ta’ kampjuni naturali u ta’*

*oggetti artistici, manuskritti, kotba, materjal ippubblikat, arkivji, materjal awdjo-viziv u riproduzzjonijiet ta' xi wahda minn dawn hawn qabel imsemmija, jew kollezzjonijiet ta' valur storiku, kif ukoll assi kulturali intangibbli li jinkludu l-arti, it-tradizzjonjiet, id-drawwiet u l-hiliet li jintuzaw fl-arti dimostrattiva, fl-arti applikata u fl-artigjanat u assi intangibbli ohra li ghandhom valur storiku, artistiku jew etnografiku."*

Illi bir-rispett kollu ghall-prosekuzzjoni, ma ngabet l-ebda prova li turi li tali statwa kienet tifforma parti minn propjetà kulturali u wisq anqas li kienet patrimonju kulturali! L-anqas ma gie ppruvat illi din l-istatwa ta' Sant' Antnin giet imwaqqfa minn awtorità pubblika ghalkemm din kienet go post pubbliku. Ghaldaqstant l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi ma gewx ippruvati.

**Ikkunsidrat**

Illi ai fini ta' piena din il-Qorti hadet inkonsiderazzjoni li l-imputata kienet minorenni meta gara r-reat u ghalhekk ser tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 37(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar it-tnaqqis fil-piena bi grad jew tnejn. Ghandu jinghad

ukoll illi l-imputata kkoperat bis-shih mal-prosekuzzjoni tant illi ghenithom jidentifikaw il-persuni l-ohra involuti fil-kaz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata Jayelle Abela hatja biss tat-tielet (3) akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum filwaqt li tilliberaha mill-ewwel (1) u mit-tieni (2) akkuzi fuq nuqqas ta' provi.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**